MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Numru. 364/2002

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)
vs
Carmel Farrugia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Carmel Farrugia, detentur tal-karta tal-identita Nru 309457(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn il-5 ta' Dicembru, 1998 u l-25 ta' Awissu, 2001 u / jew matul is-snin/xhur precedenti bhala proprjetarju u / jew amministratur tal-fond 'Carmar' Triq id-Drama, Qormi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukolljekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kiser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom seta iwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew

markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal LM531.18c, liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin u ammont u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta;

Barra minn dan, akkuzat ukoll talli matul l-istess perjodu ikkaguna hsara volontarja fl-istess meter;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tapplika wkoll il-provedimenti li hemm fl-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat iwiegeb li kien hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2002 waqt li kien qieghed isirlu l-interrogatorju skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Semghet ix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi illi tressqu, u d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issib lill-imputat fuq imsemmi <u>hati</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261(c)(f)(b), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 283 u 325(d) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ma ghandux fedina penali allarmanti, il-fatt illi, skond kif xehed Silvio Decelis, Administrativ Officer mal-Korporazzjoni EneMalta, l-imputat hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-istess Korporazzjoni EneMalta kemm ghar-rigward tal-ammont rapprezentanti serq ta' dawl, kif

ukoll ghal dak illi jirrapprezenta hsara fil-meter tad-dawl in kwistjoni u l-fatt illi l-korporazzjoni EneMalta ma ghandha l-ebda pretenzjoni ulterjuri kontra l-imputat odjern.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunita illi kellu f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idonea ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta' beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata opportunita ohra sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.  Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi tillibera lill-imputat, tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni illi l-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti skond il-provvedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 u dana peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi fil-kaz odjern kien hemm xi esperti illi gew nominati f'dan il-kaz.

--------------------------------TMIEM--------------------------------